Il-Knisja

Tal-Beatitudni

Ħdejn

Il-Baħar

Tal-Galilija



L-Erbatax-il-Sena APRIL - MEJJU - ĠUNJU, 1968. Għadd 2.

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes"*

# LEĦEN
# L-ART IMQADDSA

QARI

LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR

MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA

Mitbugħ għand "Giov. Muscat & Co. Ltd." — Valletta.

# LEHEN
# L-ART IMQADDSA

QARI

MAĦRUĠ MILL-KUMMISSARJAT

TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA




L-Erbatax-il-Sena APRIL - MEJJU - ĠUNJU, 1968. Għadd 2.

X'FIH DAN IL-GĦADD


DARBA FIS-SENA (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... ... 33

**L-EWWEL TAQSIMA — DAWL**

Il-Bibbja u l-Inkarnazzjoni ta' Ġesù
(P. Lett. Gwidu Schembri O.F.M.) ... ... ... 34

Is-Sultan Salamun (Sura Biblika) (P.L.M.C.) ... ... ... ... 38

Il-mirakli ta' Ġesù fl-Evanġelji Apokrifi (R.A. Tabone) ... ... 42

Driegħ il-Mulej fl-Istorja tal-Ġens Lhudi (A.M.G.) ... ... ... 44

Ġerusalemm: Belt ta' Tliet Reliġjonijiet
(Fr. N. Ellul Vincenti, O.F.M., B.A.) ... ... ... 48

**IT-TIENI TAQSIMA — IMĦABBA**

Is-Santwarju tal-Beatitudni (P. Lett. Mikiel Catania, O.F.M.) ... 53

Il-Bniedem ġej mix-Xadina?
(P.L. Andrea Cuschieri, J.C.D., S.R.R. Adv.) ... ... 56

Wara tul ta' żmien, wasal if-Faraġ (Mill-"Acta Terrae Sanctae") ... 59

Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... ... 62

Mejtin ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 64



*Direzzjoni:* W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
*Amministrazzjoni:* R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt.

# DARBA FIS-SENA...

*Lid-dinja nisranija, lil kull nisrani, ikun fejn ikun, darba f'kull sena, tiġi magħmula stedina — stedina setgħana — li tfakkru jitfa' daqsxejn ħħarstu lejn ix-Xerq, jaħseb ftit fl-għeżież IMKEJJEN IMQADDSA tal-Palestina, tifkiriet u xhieda ħajja tal-fidwa tagħna. Hi l-Knisja li tistieden, waqt li titlob sħubija fit-talb u fil-għoti ta' għajnuniet sabiex dak li Kristu waqqaf u temm f'dik l-Art li hija tiegħu, ma jitħarbatx, ma jintilifx, iżda jibqa' minn jum għal ieħor jinżamm, jikber, jissaħħaħ u jsir dejjem iżjed siewi u għammieli.*

*Hi stedina "setgħana" magħmula mill-Knisja. Mela tolqot lilna lkoll uliedha, sabiex iġġagħalna nissieħbu u nieħdu sehem f'dak l-appostolat li Kristu u l-Knisja erħew taħt il-ħarsien ta' San Franġisk t'Assisi u ta' l-Irħieb uliedu, li għal aktar minn seba' mitt sena ilhom imexxu l-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa. U għal dan il-għan il-Papiet ħolqu l-"Opra Pija tal-Qabar ta' Kristu", mwettqa u mħeġġa mill-aħħar Papiet. "Ninqdew bil-qalb minn din il-ħabta" — qal Papa Ġwanni XXIII — "Ninqdew bil-qalb minn din il-ħabta, sabiex inseddqu dak li għamru l-Papiet ta' qabilna Lijuni XIII u Beneditt XV, li fil-Knejjes Parroċċi ta' kullimkien għall-inqas darba fis-sena, issir ġabra għall-ħtiġijiet tal-Imkejjen Imqaddsa tal-Palestina". (A.A.S.X. 1918, pag. 437). U jissokta, Papa Ġwanni: "U dan jinħtieġ infehmulkom sewwa, għax aktar ma jgħaddi ż-żmien kif qed jiġri, aktar jinħtieġu flus għan-nefqa. Ma jiġri — Alla ħares qatt — li hekk għadd ta' opri reliġjużi, ċivili u soċjali, ta' karità u ta' benefiċenza u ta' għajnuna, jonqsu, jaqgħu u jintemmu MINKEJJA l-ġid li kienu jagħtu".*

*Għad-dell tas-Santwarji Mqaddsa tal-Fidwa tagħna, l-Irħieb Franġiskani ta' l-Art Imqaddsa, bl-għajnuna t'Alla, bil-ħidma tagħhom u bl-għajnuniet li jibagħtulhom l-insara devoti, ħolqu, waqqfu u żammew u jżommu ħidmiet u opri kbar ta' karattru reliġjuż, soċjali u ta' karità, skond ix-xeħta u l-ħtieġa tan-nies li fosthom jaqdu l-Missjoni tagħhom.*

*Huma 180 Knisja u Santwarju, 78 Dar u kunvent, 58 parroċċa, 20 klinika u dispensarju fejn idewwu l-morda, 16 l-offiċini tax-xogħol u 11 l-Istitut ta' tagħlim: skejjel primarji u sekondarji, kulleġġi eċċ. Huma mijiet ta' bniet u subien iltiema; huma eluf ta' żgħażagħ, ta' xjuħ u ta' foqra li jridu għajnuna mill-Missjunarji ta' l-Art Imqaddsa. Huma bla qies, ma jingħaddux il-ħtiġijiet tal-Kustodja tat-Terra Santa.*

*Nilqgħu mela, l-istedina li tagħmlilna l-Knisja. Hi stedina setgħana, ħabiba li ġejja mill-Qalb ta' Kristu; u nilqgħu bil-qalb "JUM L-OPRA PIJA" u nwettqu malajr b'ġenerosità u b'ferħ kbir, dak li l-Knisja trid minna bħala għajnuna għall-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa.*

*ID-DIREZZJONI*